# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 11 ta' April, 2024.**

**Numru 9**

**Rikors numru 1233/20/2 RGM**

**Falkun Film Productions Ltd. (C-42309)**

**v.**

**Kummissjoni Ċinematografika ta' Malta[1] u Johann Grech bħala Kummissarju Ċinematografiku[2]**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq minn Falkun Film Productions Ltd., minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili,

[1] Dan l-isem li fir-rikors maħluf kien oriġinarjament jaqra «*Kummissjoni Maltija tal-Films*», ġie msewwi b'digriet tal-21 ta' Mejju, 2021 (ara paġna 58 tal-atti tal-kawża).
[2] Dan l-isem li fir-rikors maħluf kien oriġinarjament jaqra «*Johann Grech bħala Kummissarju Malti tal-Films*», ġie msewwi b'digriet tal-21 ta' Mejju, 2021 (ara paġna 58 tal-atti tal-kawża).

nhar it-22 ta' Ġunju, 2023, li biha ċaħdet it-talbiet kollha tagħha bl-ispejjeż kontriha, wara li: (i) ħelset lill-Kummissjoni Ċinematografika ta' Malta milli tibqa' aktar fil-kawża; u (ii) sabet li l-azzjoni mressqa minnha tressqet aktar tard miż-żmien perentorju ta' sitt xhur kif mitlub mill-**Artikolu 469A(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf imressaq fit-23 ta' Diċembru, 2020, Falkun Film Productions Limited (minn issa 'l hemm imsejħa wkoll bħala 'Falkun' jew 'l-appellanti'), fissret li hija kumpanija li tipproduċi l-films, dokumentarji u produzzjonijiet awdjo-viżivi oħrajn. Qalet li fost il-produzzjonijiet li ħadmet fuqhom kien hemm dak bl-isem ta' *'Carmen has been touched',* li hija pproduċiet flimkien ma' kumpanija oħra Kanadiża bl-isem ta' '*Aiken Heart Films*'. Filwaqt li fissret li dan il-film huwa intitolat għal *status* hekk imsejjaħ bħala, «*Difficult Audiovisual Work*» (minn issa 'l hemm imsemmi bħala 'DAW), taħt skema ta' inċentivi finanzjarji mħaddma mill-Kummissjoni intimata, hija ilmentat li l-Kummissjoni, skorrettement, ċaħdet it-talba tagħha għall-għotja ta' dak l-i*status,* u dan partikolarment b'ittra tal-25 ta' Ġunju, 2020.

3. Wara li fissret fid-dettall li hija ma taqbilx ma' din id-deċiżjoni tal-intimati u mal-imġiba tagħhom, kif ukoll ressqet għadd ta' raġunijiet biex

tfisser għalfejn jidhrilha li l-produzzjoni *'Carmen has been touched'* kellu jingħatalha l-i*status* mitlub minnha, Falkun argumentat li d-deċiżjoni tal-konvenuti ma tiswiex billi hija *ultra vires,* b'mod speċjali b'riħet l-**Artikoli 469A(1)(b)(iii)** u **(iv) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

4. Falkun żiedet tgħid li d-deċiżjoni tal-konvenuti għamlitilha wkoll il-ħsara, li għandhom iwieġbu għaliha l-istess konvenuti, għaliex spiċċat f'qagħda li ma tħallietx tgawdi mill-jeddijiet mogħtija lilha bil-liġi, u dan partikolarment għaliex ġiet imċaħħda mill-benefiċċji finanzjarji li tgħid li tikkwalifika għalihom.

5. Għalqet imbagħad billi għamlitha ċara li hija mhux biss ressqet dawn il-proċeduri kontra l-Kummissjoni iżda wkoll kontra Johann Grech *«fil-kapaċità tiegħu bħala l-Kummissarju Malti tal-Films»* u dan billi fi kliemha huwa qiegħed jaġixxi bi ksur tal-obbligi tiegħu, bi ksur tal-liġi, u konsegwentement *ultra vires.*

6. Minħabba f'hekk Falkun talbet lill-Ewwel Qorti sabiex:

> *«1. Tiddikjara li d-deċiżjoni tal-konvenuti rigward il-Film Carmen, li jiċħdu l-istatus ta' Difficult Audio-visual Work lill-istess Film, liema deċiżjoni senjatament tirriżulta mill-ittra tagħhom datata 25 ta' Ġunju, 2020, bħala nulla, invalida u / jew mingħajr effett għat-tenur tal-artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) peress illi l-istess deċiżjoni tikkostitwixxi għemil amministrattiv li huwa ultra vires ai termini tal-artikolu 469A(1)(b);*
>
> *2. Tordna lill-konvenuti sabiex fi żmien qasir u perentorju jirrikonoxxu u jagħtu l-istatus ta' Difficult Audio-visual Work lill-Film imsemmi u*

*konsegwentement iwettqu l-ħlasijiet kollha ta' fondi dovuti lis-soċjetà attriċi għar-raġunjiet imsemmija f'dan ir-rikors ġuramentat;*

*3. Tiddikjara li b'konsegwenza tad-deċiżjoni meħuda mill-konvenuti s-soċjetà attriċi qiegħda ssofri danni;*

*4. Tiddikjara li l-konvenuti huma responsabbli għal dawn id-danni;*

*5. Tillikwida d-danni li s-soċjetà attriċi qiegħda ssofri, okkorrendo bil-ħatra ta' periti nominandi;*

*6. Tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lis-soċjetà attriċi d-danni hekk likwidati.*

*Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti, li huma minn issa inġunti biex jidhru in subizzjoni u b'riżerva ta' kwalunkwe azzjoni oħra spettanti lis-soċjetà attriċi.»*

7. Bi tweġiba waħda mressqa fl-1 ta' Frar, 2021, il-konvenuti laqgħu għal din il-kawża billi qajmu dawn l-eċċezzjonijiet:

*«1. Illi preliminarjament, it-tismija tal-Kummissjoni eċċipjenti hija indikata erronjament fir-rikors maħluf, billi skont l-Att dwar il-Kummissjoni Ċinematografika ta' Malta (Kap. 478 tal-Liġijiet ta' Malta), l-isem tal-Kummissjoni hu proprju l-Kummissjoni Ċinematografika ta' Malta.*

*2. Illi mingħajr ebda preġudizzju għall-permess, l-azzjoni ma kellhiex tiġi proposta kontra ż-żewġ eċċipjenti iżda kontra wieħed minnhom biss, u dan b'riferenza għall-artikolu 181A(1) u 181B(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.*

*3. Illi mingħajr ebda preġudizzju għall-premess, l-azzjoni attriċi hija inattendibbli u malkonċepita, billi d-deċiżjoni li dwarha qed titlob stħarriġ l-attriċi ma tteħditx fil-25 ta' Ġunju, 2020, u għalhekk it-talbiet tagħha ma jistgħux jiġu akkolti.*

*4. Illi mingħajr ebda preġudizzju għall-premess, l-azzjoni attriċi hija perenta bi tħaddim tas-subartikolu (3) tal-artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.*

*5. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, l-azzjoni attriċi hija infondata kemm fil-fatt u kemm fid-dritt billi ma jeżistux iċ-ċirkostanzi meħtieġa mill-artikolu 469A(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili sabiex dina l-Onorabbli Qorti tistħarreġ u tiċċensura l-aġir tal-eċċipjenti.*

*6. Illi mingħajr preġudizzju għal kull eċċezzjoni oħra, it-tielet talba*

*attriċi hija f'kull każ infondata billi datum sed non concessum illi hemm lok għat-tħassir ta' għemil amministrattiv, dina l-Onorabbli Qorti ma tistax tissostitwixxi d-diskrezzjoni tagħha għal dik ta' l-eċċipjenti.*

*7. Illi mingħajr ebda preġudizzju għall-premess l-eċċipjenti ma kkaġunaw ebda danni lill-attriċi, u għalhekk it-talbiet tagħha huma infondati kemm fil-fatt u kemm fid-dritt.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.»*

8. B'digriet mogħti waqt is-seduta tal-11 ta' Mejju, 2021, l-Ewwel Qorti ħalliet il-kawża sabiex tisma' provi biss dwar it-tieni, it-tielet, u r-raba' eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenuti, u dan bil-għan li tagħti sentenza parzjali dwar dawn l-istess eċċezzjonijiet.

9. B'rikors imressaq fit-18 ta' Mejju, 2021, il-kumpanija attriċi talbet lill-Ewwel Qorti sabiex b'riħet l-**Artikolu 175 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** tordna tiswija fl-ismijiet tal-konvenuti, b'dan illi l-isem ta' *«Kummissjoni Maltija tal-Films»* jinbidel għal *«Kummissjoni Ċinematografika ta' Malta»,* filwaqt li r-referenza għall-kliem *«Kummissarju Malti tal-Films»* tinbidel għal *«Kummissarju Ċinematografiku».* L-intimati ma opponewx għal din it-talba, u b'digriet mogħti fit-18 ta' Mejju, 2021, l-Ewwel Qorti awtorizzat li jsiru dawk it-tiswijiet hekk kif mitluba.

10. Imbagħad b'sentenza mogħtija fit-22 ta' Ġunju, 2023, li ngħatat biss dwar it-tieni, it-tielet u r-raba' eċċezzjonijet preliminari tal-intimati, l-Ewwel Qorti ddeċidiet bil-mod kif ġej:

*«Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi,*

*1. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti peress li ġiet sorvolata permezz tad-digriet mogħti fil-21 ta' Mejju, 2021;*

*2. Tilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti, tiddikjara illi l-Kummissjoni ma hijiex il-leġittimu kontradittur f'din il-kawża, u konsegwentement tilliberaha mill-osservanza tal-ġudizzju;*

*3. Tilqa' t-tielet u r-raba' eċċezzjoni tal-Kummissarju, tiddikjara l-azzjoni promossa mis-soċjetà attriċi bħala perenta ai termini tal-Artikolu 469A (3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*4. Tiċħad it-talbiet attriċi;*

*Bl-ispejjeż kontra s-soċjetà attriċi, b'applikazzjoni tal-artikolu 223 (1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.»*

11. Ir-raġunijiet ewlenin li wasslu lill-Ewwel Qorti għal din ix-xorta ta' konklużjoni kienu dawn li ġejjin:

***«L-Eċċezzjoni nru. 2: Ma kellhomx jiġu mħarrka l-Kummissjoni u l-Kummissarju iżda wieħed minnhom biss**.*

*15. Il-konvenuti jsejsu din l-eċċezzjoni preliminari tagħhom fuq l-* ***Artikolu 181A(1)*** *u* ***Artikolu 181B(1) tal-Kap. 12****. Jispjegaw fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom illi f'kawżi ta' din ix-xorta l-azzjoni għandha tkun diretta kontra l-Kummissjarju u mhux ukoll kontra l-Kummissjoni.*

*16. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha Falkun issostni illi hija ħarrket sew lill-Kummissjoni kif ukoll lill-Kummissarju peress li l-ilment tagħha mhuwiex biss indirizzat lejn id-deċiżjoni li ħadet il-Kummissjoni bħala entità, iżda wkoll lejn il-Kummissarju personalment għaliex skontha minflok ma wettaq dmiru bħala Kummissarju, «personalment fixkel u waqqaf it-talba tal-attriċi sabiex Carmen tiġi rikonoxxut bħala DAW.» Tispjega Falkun illi hija mexxiet kontra l-Kummissjoni bħala l-entità li ħadet id-deċiżjoni li tagħha qed jintalab l-istħarriġ ġudizzjarju, u kontra l-Kummissarju peress li skontha il-Kummissarju aġixxa ultra vires.*

*17. Fil-premessa numru 26 tar-rikors ġuramentat promotur Falkun tgħid illi: «....dawn il-proċeduri qed jittieħdu mhux biss fil-konfront tal-Kummissjoni konvenuta imma wkoll fil-konfront ta' Johann Grech fil-kapaċità tiegħu bħala Kummissarju Malti tal-Films, u dan stante li s-soċjetà attriċi ssostni illi huwa qiegħed jaġixxi bi ksur tal-obbligi tiegħu, bi ksur tal-liġi u konsegwentement, ultra vires.»*

*18. Huwa evidenti illi għal Falkun hija kellha dejjem tipproponi l-azzjoni kontra l-Kummissjoni u kien biss minħabba li tallega li l-Kummissjarju aġixxa «bi ksur tal-obbligi tiegħu, bi ksur tal-liġi u konsegwentement, ultra vires» li aġixxiet fil-konfront tiegħu wkoll.*

*19. Però tali sottomissjoni seta' jkollha fondament kieku l-leġittimazzjoni passiva f'kawża ta' din ix-xorta kienet fil-Kummissjoni u mhux fil-Kummissarju. Minn eżami tal-premessi u tat-talbiet attriċi l-ebda distinzjoni ma ssir bejn id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni u d-deċiżjonijiet tal-Kummisarju. Hija deċiżjoni waħda li qed tiġi hawn impunjata, dik li permezz tagħha ġiet miċħuda t-talba ta' Falkun sabiex il-ko-produzzjoni tagħha Carmen tingħata l-istatus ta' DAW.*

*20. Kif ser naraw, f'azzjoni għal stħarriġ ġudizzjaru ta' għemil amministrattiv tal-Kummissjoni Ċinematografika ta' Malta huwa l-Kummissarju Ċinematografiku li għandu jiġi azzjonat u mhux ukoll il-Kummissjoni.*

*21. Il-Qorti tosserva illi filwaqt li permezz tal-protest ġudizzjarju tagħha ippreżentat minn Falkun fit-2 ta' Novembru, 2020 intimat lil: (i) Kummissjoni Maltija tal-Films; u lil (ii) Mr Johann Grech bħala l-Kummissarju Malti tal-Films u proprio għal kull interess li jista' jkollu (sottolinear tal-qorti); fir-Rikors Ġuramentat hija ħarrket lil «Johann Grech bħala Kummissarju......» u mhux ukoll personalment.*

*22.* ***Artikolu 181B tal-Kap. 12*** *intitolat «Rappreżentanza ġudizzjarja tal-Gvern» jipprovdi illi:*

> *«(1) Il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja inkwistjoni:*
>
> *Iżda, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu:*
>
> *(a) kawżi għall-ġbir ta' ammonti dovuti lill-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mill-Accountant General;*
>
> *(b) kawżi li jinvolvu kwistjonijiet dwar impieg jew obbligu ta' servizz mal-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mis-Segretarju Permanenti Ewlieni;*
>
> *(ċ) kawżi dwar kuntratti ta' provvista jew ta' appalt mal-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mid-Direttur tal-Kuntratti.*
>
> *(2) L-Avukat tal-Istat jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern.»*

*23. Il-Kummissjoni konvenuta hija awtorità pubblika fit-termini* ***tal-Artikolu 469A*** *u li hija mwaqqfa bis-saħħa tal-****Att dwar il-Kummissjoni Ċinematografika ta' Malta (Kap. 478 tal-Liġijiet ta' Malta).*** *Artikolu 8 ta' din il-liġi intitolat «Personalità legali u*

*rappreżentanza tal-Kummissarju» jipprovdi illi:*

> *«(1) Il-Kummissarju jkollu personalità legali distinta u jkun kapaċi, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, li jagħmel kuntratti ta' akkwist, pussess u tneħħija ta' kull xorta ta' proprjetà għall-finijiet tal-funzjonijiet tiegħu, li jħarrek u jiġi mħarrek, u li jagħmel dak kollu li jidħol f'dawk l-operazzjonijiet kollha huma x'inhuma li jkunu inċidentali jew li jwasslu għall-eżerċizzju jew il-qadi tal-funzjonijiet tiegħu taħt dan l-Att, inkluż li jsellef jew li jissellef flus.*
>
> *(2) Kull dokument li jkollu l-iskop li jkun strument magħmul jew maħruġ mill-Kummissarju u li jkun iffirmat minnu, jista' jinġieb bi prova u għandu, sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju, jitqies bħala strument magħmul jew maħruġ mill-Kummissarju.*
>
> *(3) L-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li permezz tagħhom tiġi impunjata jew kontestata xi deċiżjoni jew aġir ieħor tal-Kummissjoni għandhom isiru kontra l-Kummissarju.» (sottolinear tal-qorti).*

*24. Il-liġi hija ċara f'dan ir-rigward u ma tagħti lok għal ebda ekwivoku jew inċertezza fl-interpretazzjoni tagħha. L-azzjonijiet ġudizzjarji li permezz tagħhom tiġi impunjata deċiżjoni tal-Kummissjoni bħalma hu l-każ tal-kawża odjerna, għandhom jiġu istitwiti kontra l-Kummissarju biss u mhux ukoll kontra l-Kummissjoni.* ***It-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti li l-Kummissjoni ma hijiex leġittimu kontradittur hija għalhekk fondata, qed tiġi akkolta u l-Qorti qed teħles il-Kummissjoni mill-osservanza tal-ġudizzju****.*

*[…]*

***It-Tielet u r-Raba' Eċċezzjoni - Id-deċiżjoni impunjata ma tteħditx fil-25 ta' Ġunju, 2020 iżda qabel u għalhekk l-azzjoni attriċi hija perenta.***

*27. Il-Qorti ser tqis it-tielet u r-raba' eċċezzjoni flimkien għaliex il-konsiderazzjonijiet fir-rigward tar-raba' eċċezzjoni jiddependu intimament mal-konsiderazzjonijiet riferibbli għat-tielet eċċezzjoni.*

*28. Ma hemmx kuntrast bejn il-partijiet illi azzjoni għal stħarriġ ġudizzjarju ta' deċiżjoni amministrativa ai termini tal-Artikolu 469A ssir perenta, u mhux preskritta, bid-dekors ta' sitt xhur minn tali deċiżjoni impunjata u dan ai termini tal-Art. 469A (3) li jipprovdi illi: «Kawża biex twaqqa' egħmil amministrattiv taħt is-subartikolu (1)(b) għandha ssir fi żmien sitt xhur minn meta min ikollu interess isir jaf jew seta' jsir, jaf, skont liema jiġi l-ewwel, b'dak l-egħmil amministrattiv.»*

*29. Il-Kummissarju jgħid illi mhux minnu dak allegat minn Falkun illi d-deċiżjoni hawn impunjata ttieħdet fil-25 ta' Ġunju, 2020 u allura mhux aktar kmieni minn sitt xhur mill-jum li fih ġiet intavolata l-kawża odjerna; iżda ferm qabel. Jgħid il-Kummissarju illi dak komunikat lill-Falkun fil-25 ta' Ġunju, 2020 ma hux «deċiżjoni» imma «ripetizzjoni ta' deċiżjonijiet oħrajn preċedenti.» Il-Kummissarju jgħid illi d-deċiżjoni*

*tal-Kummisjoni li l-film ta' Falkun ma kienx jikwalifika għall-istatus ta' DAW ingħatat lil Falkun permezz taċ-ċertifikat provviżorju li ngħata lil Falkun fis-26 ta' Ġunju, 2019. Jgħid li minn dan iċ-ċertifikat kien jirriżulta «bl-aktar mod limpidu» li l-Kummissarju kien irrifjuta t-talba ta' Falkun sabiex il-film ko-prodott minnha jingħata l-istatus ta' DAW. Jgħid li huwa minnu li wara dik id-data saru bosta laqgħat u ġiet skambjata bosta korrispondenza bejn il-partijiet; iżda l-Kummissarju baqa' tal-istess fehma u d-deċiżjoni oriġinali ta' rifjut ma ġietx mibdula.*

*30. Falkun min-naħa tagħha ssostni illi d-deċiżjoni impunjata ittieħdet fil-25 ta' Ġunju, 2022 u mhux qabel. Tissottometti illi mit-testimonjanza ta' Dr Psaila Savona u Pierre Ellul joħroġ ċar illi huwa biss nhar il-25 ta' Ġunju, 2020 illi jista' jingħad li Falkun ingħatat «deċiżjoni aħħarija dwar id-DAW Status». In sostenn tirreferi għas-segwenti fatti u tressaq l-osservazzjonijiet tagħha fir-rigward:*

- *Illi mhux minnu li kienet ġa ttieħdet id-deċiżjoni dwar l-istatus DAW meta nħareġ iċ-ċertifikat proviżorju fis-26 ta' Ġunju, 2019. L-affermazzjoni tal-Kummissarju f'dan ir-rigward hija kontradetta minn informazzjoni lilha mogħtija wara Freedom of Information Request fejn ġiet informata illi d-deċiżjoni dwar l-istatus DAW ittieħdet f'laqgħa tal-Bord fis-17 ta' April, 2020;*

- *Illi wara s-26 ta' Ġunju, 2019 rappreżentanti ta' Falkun kienu involuti fi djalogu mal-Kummissjoni u mal-Kummissarju fejn Falkun kienet qed tressaq l-argumenti tagħha dwar għaliex il-film tagħha kellu jingħata DAW status;*

- *Illi l-email tat-2 ta' Ġunju, 2020 «lanqas din ma' tista' titqies illi kienet id-«deċiżjoni» li tagħha qed jintalab l-istħarriġ» peress li din ma hijiex komunikazzjoni maħruġa minn uffiċjal li jirrappreżenta jew jorbot lill-Kummissjoni, imma mill-Funds Manager; l-e-mail ma tagħti assolutament ebda raġuni għar-rifjut tad-DAW Status; li kien biss fil-25 ta' Ġunju, 2020 illi l-attriċi rċeviet għall-ewwel darba ittra direttament mingħand il-Kummissarju tal-Films dwar deċiżjoni tal-esklużjoni minn DAW Status; li kien biss fil-25 ta' Ġunju, 2020 illi għall-ewwel darba Falkun ingħatat deċiżjoni dwar id-DAW Status li tindirizza b'mod speċifiku s-sottomissjonijiet li kienu saru mill-attriċi partikolarment rigward l-MoU u tagħti wkoll ir-raġunijiet għal dan; kien biss fil-25 ta' Ġunju, 2020 li għall-ewwel darba Falkun setgħet tgħid illi għandha f'idejha deċiżjoni illi warrbet l-argumenti u l-bażi tat-talba li kienu ilhom jiġu diskussi għal xhur sħaħ.*

*31. Bħala punt tat-tluq fil-konsiderazzjonijiet referibbli għat-tielet u r-raba' eċċezzjoni l-Qorti tagħmel referenza għal sentenza tal-Qorti tal-Appell mogħtija fit-12 ta' Marzu, 2019 fl-ismijiet* ***Joseph Spiteri et. vs. Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika****:*

> *«Inkwantu għall-perjodu ta' sitt xhur stipulat taħt l-Artikolu 469A(3), jiġi mtenni li dan il-perjodu huwa wieħed ta' dekadenza u mhux ta'*

*sempliċi preskrizzjoni. Dan jinsab spjegat sew kemm fis-sentenza ta' din il-Qorti, tal-31 ta' Mejju, 2002, fil kawża fl-ismijiet **Roberto Zamboni noe. v. Id-Direttur tal-Kuntratti et**, kif ukoll f'dik aktar reċenti tal-24 ta' Novembru, 2017, fil-kawża fl-ismijiet **Ragonesi & Company Limited pro. et. noe. v. Koporazzjoni Enemalta et** fejn ingħad ukoll: «Dan ifisser li tali terminu ma jiġix interrott jew sospiż bħalma jiġri fil-każ ta' terminu ta' preskrizzjoni. Għalhekk atti ġudizzjarji li normalment jitqiesu tajbin biex jinterrompu perjodu preskrittiv, jew il-fatt li tkun għaddejja korrispondenza jew li ssir diskussjoni bejn il-partijiet wara li jkun sar l-għemil amministrattiv, ma jservi xejn biex jinterrompi l-perjodu ta' sitt xhur imsemmija fil-liġi (Ara f'dan is-sens is-sentenzi tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-25 ta' Settembru, 2003, fil-kawża fl-ismijiet **Co-Op Services Limited v. Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku** u dik tat-23 ta' Novembru, 2011, fil-kawża fl-ismijiet **Abdel Hamid Alyassin v. Il-Kummissarju tal-Pulizija et**).»*

*32. L-istess inżamm mill-Qorti tal-Appell fis-sentenzi **Roberto Zamboni noe v. Id-Direttur tal-Kuntratti et**. (31 ta' Mejju, 2002) , **Dott. Michele Martone pro. et noe. v. Raymond Gatt noe. et** (6 ta' Ottubru, 2020).*

*33. L-azzjoni għad-danni kontra awtorità pubblika naxxenti minn għemil amministrattiv hija regolata bl-Artikolu 469A u mhux bil-liġi ordinarja, anke jekk l-attur ma jagħmel l-ebda referenza għal dan l-artikolu fir-rikors promotur u jinsisti li aġixxa taħt il-liġi ordinarja dwar id-danni akwiljani. (ara **Fairbet Ltd et v. Malta Gaming Authority** - Qorti tal-Appell - 4 ta' Mejju, 2022).*

*34. It-terminu ta' għaxart ijiem kontemplat fl-**artikolu 460 tal-Kap. 12** ma jistax u mhux maħsub li jtawwal it-terminu ta' sitt xhur kontemplat fl-**Artikolu 469A (3) tal-Kap. 12**. (ara **George Azzopardi v. Heritage Malta** mogħtija mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Settembru, 2012).*

*35. Dwar il-mod kif il-parti interessata għandha ssir taf bl-għemil amministrattiv sabiex jiskatta t-terminu ta' sitt xhur, kellha dan xi tgħid reċentement il-Qorti tal-Appell fis-sentenza **L-Avukat Dr. James Scicluna noe. v. Il-Ministru għall-Intern, is-Sigurta Nazzjonali u l-Infurzar tal-Liġi** mogħtija fil-25 ta' Mejju, 2023:*

*«34. Il-liġi iżda ma ssemmi xejn dwar il-mod li bih parti mġarrba minn egħmil amministrattiv issir taf b'dak l-egħmil li jkun. Il-liġi ma tgħidx li ż-żmien jibda għaddej minn meta l-parti interessata tirċievi tagħrif formali jew uffiċjali miktub dwar id-deċiżjoni (ara **Joseph Spiteri et v. Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika et** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Jannar, 2018). Tgħid biss li ż-żmien ta' sitt xhur jibda jgħaddi minn dakinhar li l-parti ssir taf jew imissha ssir taf b'dak l-egħmil, liema data tiġi l-ewwel (ara **Ragonesi & Company Limited pro et noe v. Korporazzjoni Enemalta et** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Novembru, 2017). Kemm hu hekk, fis-sentenza **Joshue Agius v. Kap Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Marzu, 2023, instab li huwa biżżejjed jekk*

> *jintwera li d-deċiżjoni tkun ġiet mgħarrfa lill-attur bil-fomm.*
>
> *35. Madankollu huwa tabilħaqq raġunat, illi ma jistax ikun hemm dies a quo għall-għanijiet tad-dekadenza taħt l-***Artikolu 469A(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili***, jekk l-attur ma jkunx ingħata tagħrif biżżejjed biex ikun jista' jifhem li tkun ittieħdet deċiżjoni finali dwar it-talba tiegħu (ara* **Dottoressa Antoinette Cutajar v. L-Onor. Joseph Muscat et** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Diċembru, 2018).*
>
> *36. B'żieda ma' dan, tajjeb illi jingħad ukoll li skont il-***proviso** *tal-***Artikolu 469A(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili***, fejn il-liġi ma tispeċifikax terminu, matul liema, l-awtorità pubblika trid tieħu deċiżjoni, u dik l-awtorità pubblika tibqa' ma tagħtix deċiżjoni dwar it-talba magħmula lilha fi żmien xahrejn min-notifika tat-talba, allura għandu jitqies li dik it-talba tkun ġiet miċħuda, b'dana għalhekk li t-terminu ta' sitt xhur jitlaq minn meta jkunu għaddew dawk ix-xahrejn (ara* **Colette Schembri v. Tabib Ewlieni tal-Gvern et** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fis2-6 ta' Ottubru, 2022 u* **Garden of Eden Garage Limited v. Awtorità Dwar It-Trasport Ta' Malta** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Ġunju, 2012).»*

*36. Applikata l-liġi in materja u l-ġurisprudenza rilevanti, l-Qorti tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet.*

*37. Il-Kummissarju ma invokax il-***proviso tal-Artikolu 469A (2)** *b'sostenn tal-eċċezzjoni tiegħu li l-azzjoni attriċi hija perenta. Kollox għalhekk jiddependi dwar meta ittieħdet id-deċiżjoni li l-film "Carmen" ma jingħatax l-istatus ta' DAW u meta Falkun saret taf jew setgħat tkun taf b'din id-deċiżjoni għall-ewwel darba.*

*38. Is-***subinċiż 3 ta' Artikolu 469A** *ma jipprovdix, kif donnha qed issostni Falkun, illi sabiex jiskatta t-terminu perentorju ta' sitt xhur trid tiġi mgħarrfa mhux biss bid-deċiżjoni impunjata iżda wkoll bir-raġunijiet li waslu għal dik id-deċiżjoni. Il-liġi tipprovdi illi tipprovdi illi t-terminu perentorju jiskatta appena l-persuna milquta bid-deċiżjoni tiġi mgħarrfa b'dik id-deċiżjoni, irrispettivament jekk tali komunikazzjoni kinitx tinkludi wkoll il-motivazzjoni għal tali deċiżjoni. Is-sottomissjoni ta' Falkun illi sabiex jiġi kkunsidrat li saret taf bid-deċiżjoni tar-rifjut tal-istatus ta' DAW kellha wkoll tkun mgħarrfa bir-raġunijiet għal tali rifjut ma ssibx sostenn fil-liġi applikabbli. Kieku l-leġislatur ried li t-terminu ta' dekadenza ta' sitt xhur jiskatta biss meta l-motivazzjonijiet għad-deċiżjoni amministrativa jiġu wkoll komunikati lil min ikun milqut biha, l-liġi kienet tipprovdi espressament dwar dan.*

*39. Tapplika fir-rigward il-massima legali 'ubi lex voluit dixit'. L-ebda kwalifika dwar id-deċiżjoni komunikata ma ssir fis-***subinċiż 3***. Għalhekk una volta Falkun saret taf bid-deċiżjoni tar-rifjut skatta t-terminu perentorju ta' sitt xhur irrispettivament jekk ġietx mgħarrfa wkoll bil-motivazzjonijiet li waslu għal tali deċiżjoni.*

*40. Is-sottomissjoni tal-Falkun illi kien meħtieġ li tiġi mgħarrfa bil-*

*motivazzjoni wara d-deċiżjoni sabiex jiskatta t-terminu ta' sitt xhur ikun ifisser illi fejn il-motivazzjoni għad-deċiżjoni ma tiġi komunikata qatt lil min ikun milqut biha, it-terminu perentorju ta' sitt xhur ma jibda jiddekorri qatt. Sitwazzjoni din li bl-ebda mod ma ssib sostenn minn qari tas-**subinċiż 3**.*

***Id-dies a quo.***

*41. Il-Kummissarju jsostni illi d-deċiżjoni tar-rifjut tal-istatus ta' DAW lil film 'Carmen' ġiet komunikata lil Falkun b'ċertifikat ta' approvazzjoni proviżorja datat 26 ta' Ġunju, 2019, li kien jgħid li l-ko-produzzjoni ta' Falkun kienet tikkwalifika għal 40% u mhux għal 50% rebate.*

*42. Il-Qorti tqis tali sottomissjoni bħala infondata fil-fatt.*

*43. Il-fatti rilevanti sabiex tiġi stabbilita d-dies a quo huma s-segwenti. Jirriżulta illi wara li Falkun applikat sabiex jingħata l-istatus ta' DAW lil ko-produzzjoni tagħha, b'email tas-16 ta' Mejju, 2019 Susan Ronald (Funds Manager) għall-Kummissjoni għarfet lil Pierre Ellul in rappreżentanza ta' Falkun u kkuppjata fost l-oħrajn lil Dr Anika Psaila Savona ukoll għal Falkun, «the production in accordance with the 'Difficult Audiovisual Work' Assessment Form did not meet the criteria for consideration as a difficult audiovisual work.»*

*44. Fis-16 ta' Ġunju, 2019 il-Kummissjoni bagħtet lil Falkun ċertifikat imsejjaħ «Certificate of Provisional Approval» fejn inter alia jingħad illi: «The Commissioner hereby certifies that in relation to CARMEN HAS BEEN TOUCHED, the said audiovisual production is regarded as a qualifying production for the purposes of the said Part V of the Malta Film Commission Act, and shall be granted a cash rebate equivalent to 40% on the qualifying production expenditure in Malta on the basis that the production will be maximising and making full use of Maltese cultural elements.»*

*45. Skont il-Kummissarju dan iċ-ċertifikat proviżorju kellu jitqies bħala l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni lil Falkun li t-talba tagħha għall-istatus DAW kienet ġiet rifjutata u dan mhux għax iċ-ċertifikat jgħid dan espliċitament iżda b'inferenza mill-fatt li r-rebate akkordat ma kienx ta' 50% applikabbli għal produzzjoni bi status DAW; iżda kien ta' 40%.*

*46. Fil-fehma tal-Qorti dan iċ-ċertifikat proviżorju ma jikkwalifikax bħala komunikazzjoni ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni illi t-talba ta' Falkun għal status ta' DAW ġiet rifjutata mhux biss għaliex dan ma jingħadx fiċ-ċertifikat iżda wkoll għaliex dan kien ċertifikat proviżorju li allura wieħed kellu jifhem illi ladarba kien proviżorju kien għad trid tittieħed deċiżjoni finali. Sabiex jiskatta t-terminu perentorju ta' sitt xhur il-komunikazzjoni trid turi b'mod inekwivoku illi d-deċiżjoni komunikata hija waħda finali u mhux tgħid espressament li hi waħda proviżorja kif ġara f'dan il-każ permezz taċ-ċertifikat tas-26 ta' Ġunju,*

*2019.*

*47. Dan apparti, iċ-ċertifikat proviżorju qatt ma seta' jitqies li huwa komunikazzjoni ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar l-istatus ta' DAW mitlub minn Falkun proprju peress illi sas-26 ta' Ġunju, 2019 il-Kummissjoni ma kinitx għadha ħadet deċiżjoni dwar tali talba. Dan joħroġ mill-minuti ta' laqgħa tal-Kummissjoni miżmuma kważi sentejn wara fis-17 ta' April, 2020 (Kopja tagħha a fol. 117 tal-proċess esibita mhux mill-Kummissarju iżda minn Dr Anika Psaila Savona li akkwistata fil-mori tal-kawża wara deċiżjoni tal-Kummissarju għall-Protezzjoni tad-Data datata 27 ta' Jannar 2021 u mibgħuta lil Dr Psaila Savona fit-2 ta' Marzu, 2021 minn Jean Pierre Borg, Freedom of Information Officer tal-Kummissjoni). Dawn il-minuti jgħidu illi kienet qed tinżamm laqgħa tal-Bord tal-Kummissjoni fis-17 ta' April, 2020 fis-2.00pm permezz ta' 'zoom meeting' bis-suġġett, «Carmen Has Been Touched - Difficult Audiovisual Work (DAW) Status Request». L-ewwel paragrafu ta' dawn il-minuti jaqra kif ġej:*

> *«Malta Film Commissioner, Johann Grech, called a Board meeting in order to discuss Falkun Films' request to have production Carmen Has Been Touched, which has been recognised as an official co-production with Canada (via Telefilm), considered as a DAW. This would bring about an increase in the applicable cash rebate (from 40% to 50%).»*

*48. Il-minuti tal-laqgħa jikkonkludu kif ġej:*

> *«Thus after having due consideration to the DAW guidlines......the Malta Film Commission Board unanimously expressed its view that the request put forth by Falkun Films ought to be refused and that Carmen Has Been Touched should not be considered as a DAW.»*

*49. Fil-21 ta' Mejju, 2020 Pierre Ellul għal Falkun bagħat email lil Funds Manager tal-Kummissjoni (Kopja a fol. 119 tal-proċess) li taqra kif ġej:*

> *«Dear Sue, ............. On a different note, can you please advise re. Difficult Audiovisual Status please. We've made a very solid case for this and I strongly believe that 'Carmen' should be given this status. Let me know.....».*

*50. Hawnhekk Pierre Ellul kien qed jirreferi għall-email dettaljata li Dr Anika Psaila Savona kienet bagħtet lill-Kummissjoni fit-3 ta' Frar 2020 b'sottomissjonijiet dettaljati għaliex skont Falkun il-ko-produzzjoni tagħhom kienet tikkwalifika għall-istatus ta' DAW (Kopja a fol. 103 tal-proċess).*

*51. B'email tat-2 ta' Ġunju, 2020, Susan Ronald, Funds Manager tal-Kummissjoni, informat lil Dr Psaila Savona għan-nom ta' Falkun illi:*

> *«Your request for DAW status for 'Carmen has been Touched' in context of the 'Financial Incentives for the Audiovisual Industry'*

*Guidelines and relevant criteria as outlined therein was discussed by the MFC board.*

*Presented with your arguments the MFS board also sought legal advice and in conclusion the board's position is that 'Carmen has been Touched' does not qualify as a DAW in context of the 'Financial Incentives for the Audiovisual Industry'*

*Kindly be guided accordingly.»*

*52. L-għada, fit-3 ta' Ġunju, 2020, Dr Psaila Savona tikteb lura b'email lil Susan Ronald ikkuppjata lill-Kummissarju u oħrajn fejn tagħmel diversi sottomissjonijiet ulterjuri għaliex il-ko-produzzjoni kellha tingħata l-istatus ta' DAW. Titlob li tingħata informazzjoni relatata mad-deċiżjoni ta' rifjut.*

*53. Għaddiet korrispondenza oħra sakemm fil-25 ta' Ġunju, 2020 il-Kummissarju kiteb lil Pierre Ellul għan-nom ta' Falkun jinforma r-raġunijiet li waslu lill-Kummissjoni sabiex ma tilqax it-talba għall-istatus ta' DAW b'mod partikolari fejn it-talba kienet imsejsa fuq il-Memorandum of Understanding bejn Malta u l-Canada. Jagħlaq l-ittra tiegħu billi jinforma lil Falkun, «Please note that this assessement is in no way related to the MOU which does not impose on the Malta Film Commisson how it awards DAW status to qualifying 'national' productions.»*

*54. Wara li l-Qorti għarblet l-evidenza kollha miġjuba mill-partijiet, tqis illi t-terminu perentorju ta' sitt xhur stabbilit bis-subinċiż 3 tal-Artikolu 469A skatta fil-mument li l-Funds Manager tal-Kummissjoni informat lil Falkun b'email tat-2 ta' Ġunju, 2020 illi, «the Board's position is that 'Carmen has been Touched' does not qualify as a DAW in context of the Financial Incentives for Audiovisual Industry.»*

*55. Il-korrispondenza kollha li għaddiet bejn il-partijiet wara dik l-email ma setax ikollhom l-effett li tissospendi t-terminu perentorju li skatta mal-wasla tal-e-mail tat-2 ta' Ġunju, 2020 lir-rappreżentanti ta' Falkun. Ir-rappreżentanti ta' Falkun kienu jew messhom kienu konsapevoli illi jekk kellhom jattakkaw dik id-deċiżjoni, kellhom jaġixxu entro s-sitt xhur mill-komunikazzjoni lilhom tad-deċiżjoni. Għalkemm huwa dejjem apprezzat li minflok ma dak li jkun jitlaq jiġri lejn il-Qorti sabiex jiftaħ il-kawża ai termini tal-Artikolu 469A mal-ewwel jum li fih jiskatta t-terminu perentorju ta' sitt xhur, qabel xejn jipprova jutilizza fejn indikat parti minn dawk is-sitt xhur sabiex jipprova jasal f'xi forma ta' soluzzjoni bonarja; fl-istess ħin dak li jkun irid joqgħod ukoll b'seba' għajnejn illi filwaqt li qed jipprova jsib soluzzjoni bonarja, ma jitlifx il-qaleb u l-ġbejna għax fil-frattemp jgħaddu s-sitt xhur mingħajr ma jkun ħa azzjoni ġudizzjarja.*

*56. U hekk jidher li ġara f'dan il-każ.*

*57. It-terminu ta' sitt xhur huwa wieħed perentorju li dwaru l-Qorti ma*

*għandha l-ebda diskrezzjoni. Il-Qorti tagħraf li dan it-terminu jagħti privileġġ lill-Eżekuttiv għaliex filwaqt li azzjoni għad-danni akwiljani hija normalment preskritta bit-trapass ta' sentejn, liema terminu preskrittiv jista' jiġi interrott jew sospiż; fil-każ ta' azzjoni għad-danni kontra awtorità pubblika naxxenti minn għemil amministrattiv ai termini tal-Artikolu 469A, tali azzjoni hija perenta, u mhux preskritta, jekk ma tiġix istitwita entro sitt xhur.*

*58. Artikolu ta' liġi li effettivament jillimita l-jedd ta' persuna li tieħu azzjoni kontra l-amministrazzjoni pubblika u li għalhekk għandu jingħata interpretazzjoni restrittiva. Fl-istess ħin però t-termini perentorji huma ta' ordni pubbliku tant li għandhom jiġu mħarsa ad unguem. Jingħad ukoll illi min ikun irid iressaq azzjoni kontra l-amministrazzjoni pubblika jrid jara li jħares b'reqqa dak li jitlob Artikolu 469A. Inżamm ukoll illi saħansitra terminu ta' dekadenza lanqas jista' jiġi mwarrab bil-kunsens tal-parti l-oħra (ara.* ***Oliver Ruggier v. Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u Ippjanar*** *- Prim' Awla - 25 ta' Frar, 2016;* ***Cutajar Construction Limited v. Pierre P. Gregoire*** *- Qorti tal-Appell - 20 ta' Marzu 2019;* ***Vassallo Concrete Services Limited v. Direttur Ġenerali (Kuntratti)*** *- Qorti tal-Appell - 24 ta' April 2015;* ***John Caruana et. v. David Galea et****. - Qorti tal-Appell - 25 ta' Jannar, 2023).*

*59. Tħares minn fejn tħares lejh dan l-aspett tal-vertenza, sitt xhur huma sitt xhur. Mhux sitt xhur u ftit ġranet. Fl-ebda ħin ma ġie allegat minn Falkun li dik l-email tat-2 ta' Ġunju, 2020 ma waslitx fid-destinazzjoni tagħha jew li għal raġunijiet li ħadd ma kellu kontroll fuqhom ma setgħatx tiġi aċċessata. Isegwi għalhekk illi stante li t-terminu perentorju ta' sitt xhur skatta fit-2 ta' Ġunju 2020, il-kawża kellha tiġi istitwita sa mhux aktar tard mit-2 ta' Diċembru, 2020; mentri ġiet intavolata fit-23 ta' Diċembru, 2020. Hawn faċilment tapplika l-massima legali «dura lex, sed lex».*

*60. Jirriżulta għalhekk illi l-azzjoni attriċi hi perenta ai termini tal-Artikolu 469A (3) tal-Kap. 12.»*

12. Falkun Film Productions Ltd. ħassitha aggravata b'din is-sentenza, u b'rikors tal-appell imressaq fl-24 ta' Lulju, 2023, talbet lil din il-Qorti sabiex tħassar is-sentenza appellata billi: (i) tiċħad it-tieni, it-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenuti appellati; u (ii) tordna lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali sabiex jibgħat minnufih l-atti tal-kawża lura lill-Ewwel Qorti biex b'hekk tkun tista' tissokta bis-smigħ tal-

kawża dwar il-mertu tat-talbiet tagħha. Talbet ukoll li hija tiġi mħallsa tal-ispejjeż ġudizzjarji.

13. Il-konvenuti wieġbu għal dan l-appell bi tweġiba waħda, li ressqu flimkien fil-5 ta' Settembru, 2023, fejn taw ir-raġunijiet tagħhom għalfejn dan l-appell għandu jiġi miċħud, bl-ispejjeż kontra Falkun.

14. Il-Qorti wara li kkunsidrat dan fid-dawl ta' dak kollu li hemm fl-atti tal-kawża, tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza b'riħet l-**Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

**Konsiderazzjonijiet:**

15. L-appell ta' Falkun qiegħed jistrieħ fuq żewġ aggravji li ser ikunu qegħdin jiġu mistħarrġa fl-istess ordni li tressqu fir-rikors tal-appell.

16. Nibdew bl-<u>**ewwel aggravju**</u> li fih Falkun qiegħda tilmenta minn dik il-parti tad-deċiżjoni appellata li fiha l-Ewwel Qorti laqgħet it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti u b'konsegwenza ta' dan ħelset lill-Kummissjoni Ċinematografika ta' Malta milli tibqa' aktar fil-kawża.

17. F'dan ir-rigward, l-appellanti tfisser li l-ilmenti tagħha f'din il-kawża

ma ġewx indirizzati biss lejn il-Kummissjoni appellata bħala l-entità li ħadet id-deċiżjoni mertu tal-kawża, iżda wkoll lejn l-appellat Johann Grech personalment, peress li fi kliemha huwa fixkel u waqqaf it-talba tagħha sabiex il-produzzjoni viżiva tagħha tikseb l-i*status* ta' DAW. Tfisser għalhekk li hija ma ħarrkitx lil Grech sempliċement bħala rappreżentant tal-Kummissjoni iżda għaliex hija għandha pretensjoni diretta kontra tiegħu billi hija jidhrilha li dan aġixxa b'mod li huwa *ultra vires.*

18. F'dan l-isfond, l-appellanti tirreferi għall-affidavit tar-rappreżentanti tagħha Dr. Anika Psaila Savona, kif ukoll dak ta' żewġha Pierre Ellul, li fihom fissru kif Grech, abbuża mid-diskrezzjoni tiegħu u mar lil hemm mill-awtorità li tagħtih il-liġi. Tgħid ukoll li minn dawk il-provi jirriżultaw ukoll eżempji oħrajn dwar kif l-appellat Grech iddiskrimina kontriha u fixkilha b'mod kontinwu u b'tali mod li taha x'tifhem li kellu ċertu antipatija lejha.

19. Tagħlaq billi tisħaq li hija mexxiet kontra ż-żewġ appellati, mhux għaliex ma tatx każ ta' dak li jgħid l-**Artikolu 8(3) tal-Att Dwar il-Kummissjoni Ċinematografika ta' Malta**, iżda għaliex hija għażlet li tħarrek lil Grech personalment. Tirraġuna li huwa għalhekk xieraq li għandhom ikunu tnejn il-konvenuti li jridu jwieġbu għad-deċiżjoni attakkata minnha, u targumenta li fin-nuqqas tal-preżenza ta' dawn it-tnejn, l-azzjoni tagħha ma tistax tilħaq l-għanijiet tagħha.

20. Mingħajr ma hemm għalfejn jingħad ħafna, il-Qorti jidhrilha li dan l-aggravju ma huwa fejjiedi xejn.

21. Ibda biex Falkun qiegħda tgħid ħażin li hija ħarrket lil Johann Grech fil-kapaċità personali tiegħu. Imkien fir-rikors maħluf li bih Falkun ressqet din il-kawża ma wriet li hija kienet qiegħda tħarrek lil Grech f'ismu personali u mhux fil-kapaċità tiegħu bħala Kummissarju Ċinematografiku. Bil-kuntrarju, fil-premessa ta' qabel tal-aħħar tar-rikors maħluf u preċiżament f'paragrafu 26, hija fissret li kienet qiegħda tħarrek lil *«Johann Grech fil-kapaċità tiegħu bħala l-Kummissarju Malti tal-Films».*

22. Terġa' u tgħid, fl-okkju tar-rikors maħluf, Falkun ukoll speċifikat li hija kienet qiegħda tħarrek lil Grech «*bħala Kummissarju Malti tal-Films*» u ma niżżlitx li kienet qiegħda tfittxu f'xi kwalità oħra lil hemm minn hekk. Aktar tard, fuq talba tal-kumpanija appellanti stess, il-kliem «*Kummissarju Malti tal-Films*» ġie msewwi biex jaqra bħala *"Kummissarju Ċinematografiku",* u għal darb'oħra ma ġiex indikat li Grech kien qiegħed jiġi mħarrek ukoll f'ismu personali. Qajla għandu għalhekk jifdal xi dubju f'liema vesti Grech ġie mħarrek f'din il-kawża, u għaldaqstant Falkun mhijiex siewja meta qiegħda tgħid li hija ħarrket lil Grech f'ismu personali.

23. F'kull każ, u lil hemm minn dan, anke però li kieku stess Falkun

kellha tħarrek lil Grech f'ismu personali, l-argumenti ta' Falkun xorta waħda jibqgħu ħżiena.

24. Kif qalet sewwa l-Ewwel Qorti, il-liġi, u sewwasew l-**Artikolu 8(3) tal-Att Dwar il-Kummissjoni Ċinematografika ta' Malta** huwa ċar biżżejjed u jispeċifika li, *«l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li permezz tagħhom tiġi impunjata jew kontestata xi deċiżjoni jew aġir ieħor tal-Kummissjoni għandhom isiru kontra l-Kummissjarju.»*

25. Irrispettivament minn jekk Falkun għandhiex pretensjonijiet kontra Grech jew le, kull pretensjoni li Falkun għandha kontra l-Kummissjoni hija ġudizzjarjment azzjonabbli kontra l-Kummissarju Ċinematografiku biss, u għalhekk, sa fejn l-ilmenti ta' Falkun huma dwar l-għemil tal-Kummissjoni, il-ġudizzju huwa integru bil-preżenza tal-Kummissarju intimat u l-Kummissjoni ma kellhiex għalfejn titħarrek.

26. Għandu wkoll jingħad li l-Kummissjoni appellata, bħala korp mhux eżekuttiv (ara l-**Artikolu 4(1) tal-Att Dwar il-Kummissjoni Ċinematografika ta' Malta**), lanqas ma tista' jew għandha b'xi mod jew ieħor tiġi mistennija li twieġeb għax-xiljiet li qegħdin jittresqu fil-konfront tal-Kummissarju appellat, li b'riħet l-**Artikolu 8(1) tal-Att Dwar il-Kummissjoni Ċinematografika ta' Malta** jgawdi minn personalità legali distinta.

27. Tħares minn fejn tħares, il-Kummissjoni ma kellhiex tiddaħħal bħala parti f'din il-kawża, u għalhekk għamlet sewwa l-Ewwel Qorti li ħelset lill-Kummissjoni appellata milli tibqa' aktar fil-kawża. L-ewwel aggravju qiegħed għalhekk jiġi miċħud.

28. Ngħaddu issa għat-**tieni aggravju**, li huwa l-qofol ta' dan l-appell, u li fih Falkun qiegħda tilmenta minn dik il-parti tas-sentenza appellata li fiha l-Ewwel Qorti laqgħet it-tielet u r-raba' eċċezzjonijet tal-Kummissarju appellat, wara li sabet li d-deċiżjoni li qiegħda tiġi attakkata ttieħdet fit-2 ta' Ġunju, 2020, u b'hekk il-kawża tressqet aktar tard mit-terminu perentorju ta' sitt xhur kif mitlub fl-**Artikolu 469A(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

29. Hawnhekk, il-kumpanija appellanti tibda billi tagħmilha ċara li hija mhijiex qiegħda tikkontesta li t-terminu ta' sitt xhur hekk kif imniżżel fl-**Artikolu 469A(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** huwa wieħed ta' dekadenza u mhux ta' preskrizzjoni, u fid-dawl ta' dan tistqarr li dak il-perjodu la jista' jiġi miksur u lanqas sospiż. Iżżid li hija lanqas ma qiegħda tikkontesta li t-terminu ta' għaxart ijiem imsemmi fl-**Artikolu 460 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** ma jtawwalx it-terminu ta' sitt xhur imsemmi fl-**Artikolu 469A(3)**. Tgħid ukoll li taqbel mal-Ewwel Qorti li t-terminu ta' sitt xhur ma jistax jitqies li telaq

jimxi mis-26 ta' Ġunju, 2019, bħalma ngħad ħażin mill-konvenuti appellati.

30. B'danakollu l-kumpanija appellanti tisħaq li hija ma tistax però taqbel mal-Ewwel Qorti meta qieset li t-terminu ta' sitt xhur telaq jimxi mit-2 ta' Ġunju 2020, u mhux mill-25 ta' Ġunju, 2020, u sewwasew mill-jum li fih hija rċeviet ittra ffirmata b'idejn il-Kummissarju appellat bir-raġunijiet għalfejn it-talba tagħha dwar l-i*status* ta' DAW ġiet miċħuda.

31. F'dan l-isfond, Falkun targumenta li l-*email* tat-2 ta' Ġunju, 2020 ma setgħetx titqies mill-Ewwel Qorti bħala d-deċiżjoni li tagħha qiegħed jintalab l-istħarriġ. Tibda billi tfisser li dik l-*email* intbgħatet minn Sue Ronald li hija l-*'Funds Manager'* tal-Kummissjoni u li għalhekk ma tistax titqies li hija xi komunikazzjoni uffiċjali li ntbagħtet minn xi uffiċjal li jirrappreżenta jew li b'xi mod jew ieħor jista' jorbot lill-Kummissjoni jew lill-Kummissarju appellat.

32. Fit-tieni lok, targumenta li dik il-komunikazzjoni ma tagħti l-ebda raġuni għalfejn it-talba tagħha li l-produzzjoni '*Carmen'* tingħata DAW *status* ġiet miċħuda, u tisħaq li kien biss fil-25 ta' Ġunju, 2020 li hija, għall-ewwel darba, irċeviet ittra ffirmata minn idejn il-Kummissarju appellat, u li fiha rċeviet tweġiba li tindirizza b'mod speċifiku s-sottomissjonijiet u l-argumenti li kien ilhom jiġu diskussi għal diversi xhur. Tgħid għalhekk li d-deċiżjoni ta' nhar il-25 ta' Ġunju, 2020 ma hija bl-ebda mod ripetizzjoni

ta' xi deċiżjonijiet oħra li ttieħdu qabel, iżda hija sewwasew d-deċiżjoni li dwarha qiegħed jintalab l-istħarriġ ġudizzjarju.

33. Tissokta billi filwaqt li min-naħa l-waħda tistqarr li, *«il-liġi ma ssemmi xejn dwar il-mod illi bih parti mġarrba minn għemil amministrattiv issir [taf] b'dak l-għemil»,* min-naħa l-oħra targumenta li huwa inkonċepibbli li t-terminu ta' sitt xhur jibda miexi jekk il-persuna milquta bid-deċiżjoni ma tkunx ingħatat biżżejjed tagħrif sabiex tkun tista' tifhem li ttieħdet deċiżjoni finali dwar it-talba tagħha.

34. F'dan is-sens, filwaqt li tirreferi għas-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Dottoressa Antoinette Cutajar v. L-Onor. Joseph Muscat et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-14 ta' Diċembru, 2018, targumenta li mill-ġabra ta' provi jirriżulta li kull korrispondenza li hija rċeviet qabel il-25 ta' Ġunju, 2020, ma kinitx tali li wrietha li d-deċiżjoni komunikata lilha kienet waħda finali. Sabiex issaħħaħ dan l-argument, tosserva li wara l-*email* tat-2 ta' Ġunju, 2020, il-Kummissarju appellat *«għal xi raġuni ħass li kellu jsegwi u jelabora dwar dik il-korrispondenza b'komunikazzjoni uffiċjali ffirmata minnu.»* F'dan l-isfond, targumenta li kieku d-deċiżjoni tal-25 ta' Ġunju, 2020 hija l-istess bħal dik tat-2 ta' Ġunju, 2020, ma kien ikun hemm l-ebda ħtieġa li tinħareġ komunikazzjoni ulterjuri mill-Kummissarju appellat, u dan għaliex dik id-deċiżjoni tkun diġà ttieħdet.

35. Sfiq ma' dan, iżżid li l-ittra tal-25 ta' Ġunju, 2020, ma tagħmel l-ebda referenza lejn id-deċiżjoni tat-2 ta' Ġunju, 2020, u targumenta li dan kollu jsaħħaħ it-teżi tagħha li t-terminu ta' sitt xhur għall-għanijiet tal-**Artikolu 469A(3)** kellu jitqies li telaq jimxi mill-25 ta' Ġunju, 2020 u mhux mit-2 ta' Ġunju, 2020.

36. B'referenza għal xi ġurisprudenza, fosthom is-sentenza fil-każ ta' ***Hamid Rani v. Id-Direttur taċ-Ċittadinanza u Affarijiet tal-Espatrijazzjoni et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-7 ta' Frar, 2014, il-kumpanija appellanti tissokta billi tissottometti li mhux kull kitba li toħroġ minn ħdan xi awtorità pubblika tista' tiqies li hija *«deċiżjoni»* u f'dan is-sens targumenta li biex komunikazzjoni jkollha dik il-kwalità, din trid tkun għalqet il-kwistjoni u tkun il-fehma aħħarija tal-awtorità pubblika. B'rabta ma' dan, tisħaq li meta wieħed iqabbel il-komunikazzjoni tat-2 ta' Ġunju, 2020, ma' dik tal-25 ta' Ġunju, 2020, m'għandu jifdal l-ebda dubju dwar liema waħda minnhom hija tassew id-*«deċiżjoni»*, li tagħha qiegħda titlob l-istħarriġ.

37. Ittenni li kien biss fl-ittra tal-25 ta' Ġunju, 2020, li għall-ewwel darba il-Kummissarju appellat formalment indirizza s-sottomissjonijet tagħha u kkonferma għalfejn dawn kienu qegħdin jiġu mwarrba. Għalhekk tisħaq li kellu jkun evidenti għall-Ewwel Qorti li hija ressqet il-kawża f'waqtha u mhux tard.

38. Tagħlaq billi tipprotesta dwar il-kumment tal-Ewwel Qorti li hija messha ma rriskjatx u ħalliet għall-aħħar mument biex ressqet il-kawża, u f'dan is-sens targumenta li dak il-punt huwa għalkollox irrilevanti għaliex dak li jħoll u jorbot kollox huwa jekk id-deċiżjoni mertu tal-kawża għandhiex titqies li ttieħdet fit-2 ta' Ġunju, 2020, jew inkella fil-25 ta' Ġunju, 2020. Tgħid li hija kienet u għadha konvinta li d-deċiżjoni li tagħha qiegħda titlob l-istħarriġ ġudizzjarju hija dik tal-25 ta' Ġunju 2020, u għalhekk tisħaq li l-Ewwel Qorti kellha tikkonkludi li hija ressqet il-kawża fit-terminu ta' sitt xhur u mhux aktar tard minn hekk.

39. Fuq ix-xaqliba l-oħra, fit-tweġiba għall-appell, l-appellati mhux biss fissru għalfejn mhuwiex il-każ li t-terminu ta' sitt xhur beda miexi mill-25 ta' Ġunju, 2020, iżda saħansitra ddedikaw parti kbira mit-tweġiba għall-appell biex jisħqu li l-Ewwel Qorti kellha tqis li t-terminu ta' sitt xhur beda miexi ferm qabel it-2 ta' Ġunju, 2020, u sewwasew mill-jum tas-26 ta' Ġunju, 2019, li huwa l-jum li fih inħareġ iċ-ċertifikat li jirreferu għalih bħala '*ċ-ċertifikat proviżorju*'.

40. Il-Qorti wara li għarblet bir-reqqa l-argumenti tal-partijiet fid-dawl tal-provi kollha li hemm fl-atti, tqis li t-terminu ta' sitt xhur la beda miexi mis-26 ta' Ġunju, 2019, bħalma qegħdin jgħidu l-appellati, u wisq anqas mill-25 ta' Ġunju 2020, bħalma qiegħda tinsisti l-kumpanija appellanti. Fil-

fehma tal-Qorti, id-data li minnha telaq jimxi ż-żmien ta' sitt xhur hija dik imsemmija mill-Ewwel Qorti, sewwasew dik tat-2 ta' Ġunju, 2020.

41. Il-Qorti qiegħda tasal għal din il-fehma fuq is-saħħa ta' dawn il-konsiderazzjonijiet li ġejjin.

42. Jibda billi jingħad li skont il-ġurisprudenza u skont l-**Artikolu 469A(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, it-terminu perentorju ta' sitt xhur li fih għandha titressaq kawża għal stħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv, jitlaq jimxi *«minn meta min ikollu interess isir jaf jew seta' jsir, jaf, skont liema jiġi l-ewwel, b'dak l-egħmil amministrattiv»* (ara ***Amer Abdelrazek v. L-Aġenzija dwar il-Protezzjoni Internazzjonali et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta' Ottubru, 2023, kif ukoll il-ġurisprudenza hemmhekk imsemmija).

43. Billi l-artikolu tal-liġi li għadha kif issir referenza għalih ma jsemmi xejn dwar il-mod li bih l-attur għandu jiġi mgħarraf bid-deċiżjoni amministrattiva, huwa aċċettat fil-ġurisprudenza li m'hemm l-ebda formalità sagramentali li biha l-awtorità pubblika għandha tgħarraf lill-individwu bid-deċiżjoni tagħha (ara ***Helen Caruana noe. v. Aġenzija Identità Malta et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Lulju, 2023). Kemm hu hekk, ingħad saħansitra li anke jekk l-individwu jiġi mqar mgħarraf verbalment bl-għemil amministrattiv, dik il-komunikazzjoni hija

biżżejjed biex it-terminu ta' sitt xhur jitlaq jimxi (ara ***L-Avukat Dr. James Scicluna noe v. Il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà Nazzjonali u l-Infurzar tal-Liġi*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Mejju, 2023).

44. Sfiq ma' dan, huwa wkoll mifhum li ż-żmien perentorju ta' sitt xhur jitlaq jimxi indipendentement mill-fatt jekk l-awtorità pubblika tkunx fissret ir-raġunijiet tagħha wara dak l-għemil amministrattiv (ara ***Ragonesi & Company Limited pro et noe v. Korporazzjoni Enemalta et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Lulju, 2017). Għaldaqstant, anke jekk l-awtorità pubblika ma tagħtix raġunijiet dwar kif waslet għal dak l-għemil amministrattiv, it-terminu ta' sitt xhur jibda jgħaddi minn meta l-individwu milqut ikun sar jaf jew seta' jsir jaf b'dak l-għemil. Bl-istess mod, anke jekk l-awtorità pubblika tagħti r-raġunijiet tagħha lill-individwu konċernat wara li tgħarraf lil dak l-individwu bid-deċiżjoni tagħha, it-terminu ta' sitt xhur jibda jgħaddi minn meta l-individwu jkun ġie mgħarraf bid-deċiżjoni, u mhux minn meta huwa jkun ingħata r-raġunijiet wara dik id-deċiżjoni.

45. M'hemmx għalfejn ngħidu, deċiżjoni amministrattiva mogħtija bla raġunijiet ma tagħti l-ebda ġieħ lil dik l-awtorità pubblika, u dan għaliex fit-twettiq ta' kull għemil amministrattiv l-awtorità pubblika hija marbuta li tħares il-prinċipji tal-ħaqq naturali, li jinkludu fihom it-tismija tar-raġunijet li għalihom tkun wasslet għat-twettiq ta' dak l-għemil amministrattiv (ara ***Mare Blu Tuna Farm Limited v. Direttur Ġenerali Dipartiment tas-***

***Sajd u l-Akkwakultura*** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-21 ta' Frar, 2022). Tassew, in-nuqqas tal-awtorità pubblika li tagħti dawk ir-raġunijiet, jagħti lill-individwu milqut il-jedd li jitlob it-tħassir ta' dak l-għemil amministrattiv fuq hekk biss u dan b'riħet is-**subinċiż (1)(b)(ii) tal-Artikolu 469A**.

46. Ta' min ukoll josserva li mhux kull korrispondenza li jkun hemm bejn l-awtorità pubblika u l-individwu għandha titqies bħala «*deċiżjoni*» (ara ***Michael Buttigieg v. Kummissarju tal-Pulizija et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-4 ta' Mejju, 2022). Sabiex komunikazzjoni bħal dik ikollha karattru ta' deċiżjoni, din għandha tkun waħda ċara dwar l-effetti tagħha (ara ***Dottoressa Antoinette Cutajar v. L-Onor. Joseph Muscat et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Diċembru, 2018) u li tagħti lill-individwu milqut x'jifhem li hija l-fehma aħħarija tal-awtorità pubblika (ara ***Jupiter Co. Ltd. et v. Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' April, 2009).

47. Għandu wkoll jiġi mfakkar, li jekk il-komunikazzjoni li jkun hemm bejn l-awtorità pubblika u l-individwu jkollha l-kwalitajiet tax-xorta li għadhom kif jissemmew, u l-individwu jitlob lill-awtorità pubblika sabiex terġa' taħsibha jew tqis mill-ġdid il-pożizzjoni tagħha, dik it-talba la tissospendi u wisq anqas twaqqaf il-mogħdija taż-żmien ta' sitt xhur imsemmi fl-**Artikolu 469A(3)** (ara ***Anthony Spiteri Paris v. Direttur tal-***

***Uffiċju Konġunt**,* mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-7 ta' Novembru, 2017).

48. Ingħad għalhekk kemm-il darba mill-Qrati, li jekk l-individwu ma jaqbilx ma' xi deċiżjoni amministrattiva li taqa' fid-definizzjoni ta' għemil amministrattiv taħt l-**Artikolu 469A(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, dak l-individwu għandu jieħu r-rimedju tal-istħarriġ minnufih u mhux joqgħod lura milli jiftaħ il-kawża u kull tant żmien jitlob ir-reviżjoni jew ir-rikonsiderazzjoni bil-għan li jibqa' jgħid li l-proċess għadu miftuħ. Iż-żmien ta' sitt xhur li timponi l-liġi ma jistax għalhekk jiġi mġebbed b'mod artifiċjali (ara ***Betty Mathew Anthony Mukkattu v. Kummissarju tat-Taxxi*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta' Jannar, 2024).

49. Min-naħa l-oħra, huwa però daqstant ieħor miżmum, li f'każ li l-awtorità pubblika tilqa' t-talba għar-rikonsiderazzjoni tal-pożizzjoni tagħha, u dik l-awtorità tkun tabilħaqq fetħet mill-ġdid il-proċess dwar l-għotja tad-deċiżjoni, f'każ bħal dan, id-deċiżjoni li titwieled minn dak il-proċess ta' rikonsiderazzjoni hija meqjusa bħala deċiżjoni ġdida li minnha għal darb'oħra jerġa' jibda jgħaddi ż-żmien biex l-individwu konċernat ikun jista' jiftaħ azzjoni għal stħarriġ ġudizzjarju b'riħet l-**Artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** (ara ***Mizzi Antiques Limited v. Iċ-Chairman tal-Malta Enterprise*** mogħtija mill-Qorti tal-

Appell fil-31 ta' Jannar, 2019). Ta' min jgħid li dan il-prinċipju tal-aħħar jibqa' jgħodd, anke jekk wara l-eżerċizzju tar-rikonsiderazzjoni, l-awtorità pubblika tasal għall-istess fehma li kienet waslet għaliha qabel ma qieset it-talba għal rikonsiderazzjoni.

50. B'dan kollu f'moħħha, il-Qorti tqis li l-konvenuti appellati m'għandhomx raġun li jibqgħu jinsistu li t-terminu ta' sitt xhur beda miexi minn tal-inqas minn meta nħareġ iċ-ċertifikat proviżorju tas-26 ta' Ġunju, 2019.

51. Huwa minnu li b'*email* tas-16 ta' Mejju, 2019, Susan Ronald kienet għarrfet lir-rappreżentanti ta' Falkun li l-produzzjoni *'Carmen'* ma kinitx laħqet il-kriterji meħtieġa biex tikseb l-i*status* ta' DAW (ara **Dok. APS5**, f'paġna 98 tal-atti tal-kawża) u li r-riżultat ta' dik l-aħbar ġie eventwalment kristallizzat bil-ħruġ taċ-ċertifikat proviżorju tas-26 ta' Ġunju, 2019 (ara paġna 71 tal-atti tal-kawża), fejn tniżżel li dik il-produzzjoni kienet ikkwalifikat għal rifużjoni globali ta' 40% u mhux ta' 50% li kienet tkun intitolata għaliha li kieku ngħatat l-i*status* ta' DAW. Minkejja dan però, minn kopja ta' *email* tat-3 ta' Frar 2020 (ara **Dok APS7** f'paġna 103 tal-atti tal-kawża), jirriżulta li għall-aħħar ta' Jannar 2020, ir-rappreżentanti tal-kumpanija appellanti kienu ltaqgħu mal-Kummissarju appellat, u wara dik il-laqgħa, il-kumpanija appellanti kienet formalment kitbet lill-istess Kummissarju u talbitu mill-ġdid sabiex jagħti l-i*status* ta' DAW lill-ko-

produzzjoni tagħha *'Carmen'*.

52. Jirriżulta li l-Kummissarju appellat qies din it-talba tal-kumpanija appellanti. Dan joħroġ kemm mill-kontroeżami tiegħu li sarlu fis-6 ta' Lulju, 2021 (ara paġni 68C u 68D tal-atti tal-kawża), kif ukoll minn kif jirriżulta minn kopja tal-minuti tal-laqgħa tal-Bord tal-Kummissjoni li nżammet fis-17 ta' April, 2020 (ara paġni 117 u 118 tal-atti tal-kawża), fejn il-Kummissarju appellat kien sejjaħ laqa' tal-Bord tal-Kummissjoni appellata, bil-għan speċifiku, li jiddiskutu t-talba għar-rikonsiderazzjoni li tressqitlu mill-kumpanija appellanti u jqisu jekk kellhomx jgħollu r-rata ta' rifużjoni minn 40% għal 50%.

53. Mill-istess minuti tal-laqgħa, li għadha kif issir referenza għaliha, huwa wkoll ċar biżżejjed li kemm il-Kummissarju appellat kif ukoll il-Bord tal-Kummissjoni appellata, kienu tabilħaqq ikkunsidraw mill-ġdid it-talba ta' Falkun, tant li f'dawk il-minuti hemm referenzi diretti għal uħud mir-raġunijiet li għalihom Falkun kienet qiegħda titlob ir-rikonsiderazzjoni.

54. Mhux hekk biss, mill-*email* ta' Susan Ronald tat-2 ta' Ġunju, 2020 (ara **Dok A** f'paġna 14 tal-atti tal-kawża), li tagħmel referenza diretta għal-laqgħa tal-Bord li fiha ġiet diskussa t-talba għal rikonsiderazzjoni ta' Falkun, jirriżulta wkoll li l-Bord tal-Kummissjoni kien saħansitra ħa parir legali biex fil-laqgħa tas-17 ta' April, 2020 wasal għad-deċiżjoni unanima

li l-produzzjoni *'Carmen'* ma kinitx tikkwalifika għall-i*status* ta' DAW. Kemm hu hekk f'dik l-*email* Susan Ronald kitbet hekk:

> *«Good afternoon.*
>
> *Your request for DAW status 'Carmen has been Touched' in the context of the 'Financial Incentives for the Audiovisual Industry' Guidelines and relevant criteria as outlined therein was discussed by the MFC board.*
>
> *Presented with your arguments the MFC board also sought legal advice and in conclusion board's position is that 'Carmen has been Touched' does not qualify as a DAW in context of the 'Financial Incentives for the Audiovisual Industry'.*
>
> *Kindly be guided accordingly.»*

55. Kollox għalhekk juri li wara t-talba tat-3 ta' Frar, 2020, l-appellati kienu tabilħaqq fetħu mill-ġdid il-proċess tal-għotja tad-deċiżjoni tagħhom. La seħħ dan, il-fatt waħdieni li l-appellati waslu għall-istess deċiżjoni li kienu waslu għaliha s-sena ta' qabel huwa kollu irrilevanti, u minħabba f'hekk id-deċiżjoni li twieldet mit-talba għar-rikonsiderazzjoni tat-3 ta' Frar, 2020, hija meqjusa bħala deċiżjoni ġdida li għaliha beda miexi mill-ġdid it-terminu ta' sitt xhur.

56. L-Ewwel Qorti kellha għalhekk raġun tgħid li t-terminu ta' sitt xhur ma bediex miexi minn Ġunju 2019, u f'dan ir-rigward, il-kritika tal-appellati lejn is-sentenza appellata mhijiex mistħoqqa.

57. Min-naħa l-oħra, il-Qorti lanqas ma tista' taqbel mal-kumpanija appellanti li t-terminu ta' sitt xhur beda miexi mill-jum tal-25 ta' Ġunju 2020

u mhux mill-jum tat-2 ta' Ġunju, 2020.

58. Mill-ġabra sħiħa tal-provi jirriżulta li l-unika darba li l-appellati fetħu mill-ġdid il-proċess tal-għotja tad-deċiżjoni tagħhom kien biss fid-dawl tat-talba tat-3 ta' Frar 2020. Falkun ġiet mgħarrfa bid-deċiżjoni dwar dik it-talba b'*email* tat-2 ta' Ġunju, 2020, u minn hemmhekk 'il quddiem ma jirriżulta minn imkien li l-appellati taw lil Falkun x'tifhem li kienu ser iqisu mill-ġdid il-pożizzjoni tagħhom.

59. Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-kumpanija appellanti lanqas ma tista' tgħid li l-komunikazzjoni tat-2 ta' Ġunju 2020 ma fihiex dawk il-karatteristiċi essenzjali sabiex titqies bħala deċiżjoni. Dan qiegħed jingħad għal aktar minn raġuni waħda.

60. Fl-ewwel lok, imbilli dik il-komunikazzjoni ma ntbagħtitx direttament mill-Kummissarju appellat, iżda minn Susan Ronald li taħdem bħala *'funds manager'* mal-Kummissjoni appellata, ma jnaqqas xejn mill-effetti ta' dik il-komunikazzjoni. Ibda biex, ironikament, kienet ir-rappreżentanta ta' Falkun stess li fl-għodwa tat-2 ta' Ġunju, 2020, bagħtet *email* lil Susan Ronald sabiex tgħidilha li kienet qiegħda tħares 'il quddiem li tirċievi tweġiba mingħandha dwar l-*email* tat-3 ta Frar, 2020, u li kif rajna aktar kmieni, kienet dwar it-talba mill-ġdid ta' Falkun sabiex il-produzzjoni bl-isem '*Carmen'* tingħata l-i*status* ta' DAW (ara **Dok APS14** f'paġna 120

tal-atti tal-kawża). Ta' min jgħid ukoll li din l-*email* ma kinitx l-ewwel tax-xorta tagħha, u fil-21 ta' Mejju, 2020, Pierre Ellul, f'isem Falkun kien diġà bagħat *email* oħra lill-istess Susan Ronald li fiha kien kitibilha hekk:

> *«Dear Sue,*
>
> *Good morning.*
>
> *Thank you.*
>
> *On a different note, can you please advise re: Difficult Audiovisual Status please.*
>
> *We've made a very solid case for this and I strongly believe that 'Carmen' should be given this status.*
>
> *Let me know.»* (ara **Dok APS13**, f'paġna 119 tal-atti tal-kawża).

61. Bilkemm hemm għalfejn jingħad, li kieku Susan Ronald ma kinitx tirrapreżentata jew kellha x'taqsam mal-Kummissjoni, ir-rappreżentanti ta' Falkun ma kinux sejrin, għal darba darbtejn, jitolbu lil din l-impjegata sabiex tgħarrafhom bid-deċiżjoni dwar it-talba tagħhom. Kull argument tal-kumpanija appellanti li l-komunikazzjoni tat-2 ta' Ġunju, 2020, ma tistax tikkwalifika bħala '*deċiżjoni*' għaliex intbagħtet minn Susan Ronald, ma jistax jitqies bħala wieħed tajjeb.

62. B'żieda ma' dan, il-Qorti jidhrilha li l-kontenut tal-*email* ta' Susan Ronald tat-2 ta' Ġunju, 2020 huwa ċar biżżejjed u ma jħalli l-ebda dubju f'moħħ il-qarrej li t-talba ta' Falkun tat-3 ta' Frar, 2020, ġiet ikkunsidrata u eventwalment miċħuda mill-appellati. Mhuwiex il-każ li l-komunikazzjoni tat-2 ta' Ġunju, 2020 ma kinitx ċara dwar l-effetti tagħha, u għalhekk iċ-

ċirkostanzi ta' dan il-każ mhumiex l-istess bħalma kienu fis-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Dottoressa Antoinette Cutajar v. L-Onor. Joseph Muscat et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Diċembru, 2018.

63. Fl-aħħar mill-aħħar, kienet il-kumpanija appellanti stess li għarfet li l-komunikazzjoni tat-2 ta' Ġunju, 2020 kienet tissarraf <u>f'deċiżjoni</u> ta' rifjut dwar it-talba tagħha tat-3 ta' Frar, 2020. Kemm hu hekk, f'*email* li ntbgħatet mir-rappreżentanti tagħha fit-3 ta' Ġunju, 2020 (ara **Dok APS9** f'paġna 107 tal-atti tal-kawża) hija talbet lill-Kummissjoni sabiex tagħtiha:

> «*...reasons in full on all the points raised, **<u>as to why the Film Commission chose instead to give a negative response</u>**. Kindly also provide us with a copy of the Board minutes **<u>relevant to this decision</u>** and the legal advice on which **<u>such decision was based</u>**.*» (enfasi miżjud mill-Qorti).

64. Fil-fehma tal-Qorti, l-estratt li għadu kif qiegħed jiġi stampat jitkellem waħdu, u l-kumpanija appellanti ma tistax tiġi issa tgħid li l-komunikazzjoni tat-2 ta' Ġunju 2020, ma tistax titqies li hija «*deċiżjoni*».

65. Terġa' u tgħid, f'korrispondenza oħra li ntbagħtet minn Susan Ronald fid-19 ta' Ġunju, 2020 (ara **Dok APS10** f'paġna 108 tal-atti tal-kawża), bi tweġiba għall-*email* ta' Falkun tat-3 ta' Ġunju, 2020, Susan Ronald għarrfet lil Falkun li l-pożizzjoni tal-Bord kienet baqgħet l-istess u sewwasew li l-produzzjoni *'Carmen'* ma kinitx tikkwalifika bħala DAW. Fil-fehma tal-Qorti, komunikazzjoni bħal din tal-aħħar turi biċ-ċar li għall-appellati l-kwistjoni kienet magħluqa, u għalhekk mhuwiex il-każ li Falkun

ma ngħatatx tagħrif biżżejjed li kienet ittieħdet deċiżjoni finali rigward it-talba tagħha.

66. Fuq kollox, wara l-*email* tad-19 ta' Ġunju, 2020, b'*email* oħra mibgħuta fl-istess jum (ara **Dok Ċ** f'paġna 17 tal-atti tal-kawża), ir-rappreżentanti ta' Falkun għal darb'oħra wrew li kienu fehmu sewwa li d-deċiżjoni kienet ittieħdet, tant li kitbu hekk: *«****Since this is a decision that has been taken****, you must per force have such reasoning at the ready»* (l-enfasi huwa tal-Qorti). L-istess jidher minn *email* li ntbagħtet l-għada 20 ta' Ġunju, 2020 (erġa' ara **Dok Ċ** f'paġna 17 tal-atti tal-kawża) u li fiha r-rappreżentanti ta' Falkun tennew: *«In the meantime we look forward to receiving the considered reasons of the Board* ***for taking the position that they have*** *as per Pierre's email below»* (l-enfasi huwa tal-Qorti).

67. Fid-dawl ta' din il-korrispondenza kollha li hemm fl-atti, huwa ċar biżżejjed għal din il-Qorti li l-ittra tal-Kummissarju appellat tal-25 ta' Ġunju, 2020, intbagħtet biss bi tweġiba għall-insistenzi ta' Falkun li tingħata raġunijiet speċifiċi dwar iċ-ċaħda tat-talba tagħha tat-3 ta' Frar 2020, sabiex il-produzzjoni *'Carmen'* tingħata l-i*status* ta' DAW.

68. L-ittra tal-Kummissarju tal-25 ta' Ġunju, 2020 ma kienet għalhekk xejn aktar minn spjegazzjoni tar-raġunijiet wara d-deċiżjoni li tħabbret lil Falkun b'*email* tat-2 ta' Ġunju, 2020. L-ebda tiġbid ta' immaġinazzjoni ma

jista' jwassal biex l-ittra tal-25 ta' Ġunju, 2020, titqies li fetħet mill-ġdid il-proċess tad-deċiżjoni hekk kif imħabbra lil Falkun fit-2 ta' Ġunju, u għalhekk, fiha nfisha, l-ittra tal-25 ta' Ġunju, 2020, ma tistax titqies bħala deċiżjoni 'ġdida' jew separata minn dik tat-2 ta' Ġunju, 2020.

69. F'ċirkostanzi bħal dawn u fid-dawl tal-prinċipji li ssemmew aktar kmieni, din il-Qorti ma tistax ma tasalx għall-konklużjoni li għall-għanijiet tal-**Artikolu 469A(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, it-terminu ta' sitt xhur beda għaddej mill-għada tat-2 ta' Ġunju, 2020, u la m'hemmx kontestazzjoni li l-kawża tressqet fit-23 ta' Diċembru, 2020, l-Ewwel Qorti għamlet sewwa li laqgħet it-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet tal-Kummissarju appellat.

70. Għalkemm huwa veru li l-appellati ma mxewx sew meta ma għarrfux mill-ewwel lil Falkun bir-raġunijiet wara r-rifjut tat-talba tagħha, fis-sewwa, Falkun kellha aktar żmien minn biżżejjed biex ma tingidimx mill-morsa tal-għeluq ta' żmien imsemmi fl-**Artikolu 469A(3)**. Biss biss, huwa biżżejjed li jingħad li Falkun kien ilha li ressqet protest ġudizzjarju kontra l-appellati sa mit-2 ta' Novembru, 2020, u dan ġie notifikat fis-7 ta' Novembru, 2020 (Protest Nru. 353/2020). Fi sfond fattwali bħal dan, Falkun ma kellhiex għalfejn tħossha aggravata bil-kummenti tal-Ewwel Qorti dwar il-fatt li hija għażlet it-triq tar-riskju u damet iżżejjed biex ressqet il-kawża tagħha.

71. It-tieni aggravju tal-kumpanija appellanti għalhekk qiegħed jiġi miċħud ukoll.

72. Dwar l-ispejjeż ta' dan l-appell, din il-Qorti tqis li għalkemm hija m'għandha l-ebda għażla oħra għajr li tiċħad l-appell, madankollu l-Qorti jidhrilha li f'dan il-każ hemm raġunijiet tajba biżżejjed biex b'riħet l-**Artikolu 223(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, il-kumpanija appellanti ma tiġix mgħobbija wkoll bl-ispejjeż tal-appell li jolqtu liż-żewġ appellati, inkluż dawk tal-Kummissjoni appellata li ġiet ikkonfermata li tħarrket bla bżonn f'din il-kawża. Dan qed jingħad għaliex il-Kummissjoni appellata ma weġbitx dan l-appell għal rasha iżda daħlet tweġiba waħda flimkien mal-Kummissarju appellat.

73. Il-Qorti qiegħda tasal għall-fehma li kull parti għandha tħallas l-ispejjeż tagħha għal dan l-appell għaliex l-ewwel nett, l-appellati la kellhom għalfejn u lanqas raġuni tajba li f'dan l-istadju jibqgħu jinsistu li t-terminu ta' sitt xhur kellu jibda jgħaddi minn tal-inqas minn Ġunju 2019, u fit-tieni lok, il-Qorti jidhrilha li l-appellati lanqas ma kellhom għalfejn joqogħdu jinku lill-kumpanija appellanti biex jagħtuha r-raġunijiet għalfejn it-talba tagħha kienet qiegħda tiġi miċħuda.

74. Fil-fehma tal-Qorti, il-mod ta' kif ġabu ruħhom l-appellati mhuwiex

il-mod xieraq ta' kif għandhom iġibu ruħhom l-awtoritajiet pubbliċi u għalhekk il-Qorti tistieden lill-Kummissjoni u lill-Kummissarju appellati sabiex f'ġieħ it-trasparenza u l-prinċipji tal-ħaqq naturali, jiżguraw li f'kull każ li fih ikunu qegħdin jikkomunikaw xi deċiżjoni meħuda minnhom, huma għandhom jaqbdu u jagħtu r-raġunijiet għad-deċiżjonjiet tagħhom bil-miktub u minnufih flimkien mad-deċiżjoni tagħhom.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **tiċħad** l-appell imressaq minn Falkun Film Productions Limited u tikkonferma s-sentenza appellata tat-22 ta' Ġunju, 2023.

Bi tħaddim tal-**Artikolu 223(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha marbuta ma' dan l-appell.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da